# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

KAZ NRU. 963

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Medigrain Limited

u

General Workers' Union
Taqsima Parastatali

dwar tliet pizaturi

Decizjoni Nru. 905

Illum : 5 ta' Dicembru, 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Membri : Vincent Esposito**
**Alfred Mallia Milanes**

**Introduzzjoni**

Illi b'ittra datata 23 ta' Awissu, 1995, l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din it-Tilwima tax-Xoghol lil dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Kap. 266.

**Statement of Case**

Is-Socjeta' Medigrain Limited, ippremettiet illi t-tliet pizaturi kienu jaghtu servizz ta' verifika ta' hatt tal-prodotti minnha mportati u mqassma. Dawn mhux impjegati taghha - kienu self employed. In vista tal-

modernizzar tal-makkinarju, ma kellhiex aktar bzonnhom.

Da parti taghha, l-G.W.U. allegat li l-istess servizz kien ilu jinghata ghal hafna zmien minn qabel, u li xogholhom kien qed jigi effettwat minn mezzi ohra.

**FATTI**

In-negozju tal-Medigrain Ltd jikkonsisti fl-importazzjoni f'isem il-gvern ta' cereali. Fi zmien meta ma kienx hawn mezzi moderni sabiex jikkalkulaw, jiznu, u jivverifikaw il-kwantita', dan kien isir tramite l-pizaturi pubblici. Posthom gie assorbit minn teknologija avvanzata li rrendiet superfluwu s-servizz taghhom. Il-Medigrain Ltd ikkonstatat li xogholhom kien qed jigi dublikat billi bil-mezzi odjerni, l-istess pizaturi kienu qed jikkupjaw ix-xoghol.

**PROVI**

Gew prodotti bhala xhieda Joseph Agius - ic-Chairman tal-Medigrain Ltd., Andrew Briffa - Manager u Charles Farrugia - Assistant Manager. Dawn xehdu fuq ix-xoghol maghmul minnhom stess, ix-xoghol da parti tal-pizaturi. Kien jithallas minn persentagg li kien jigi mpost u formanti parti mill-prezz tal-merkanzija. It-talba, apposita' sabiex ma jsirx uzu mill-pizaturi tmur lura ghall-ittra datata 28 ta' Lulju, 1994 lill-Ministeru tal-Finanzi. B'ittra datata 31 ta' Ottubru, 1994 id-direttur tal-Kummerc awtorizza l-istess talba. Fis-27 ta' Dicembru, 1994 gie aggustat il-prezz bit-tnaqqis tas-servizz tal-pizatur. Il-Mimcol b'ittra datata 19 ta' Lulju, 1995

awtorizzat l-istess waqfien tas-servizz. Dawn l-ittri huma kollha esebiti man-nota ta' osservazzjonijiet tal-kumpanija prezentata fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 1996.

Lino Attard u Alphonse Caruana prodotti mill-G.W.U., taw il-versjoni taghhom dwar il-professjoni ta' pizatur, u x-xoghol maghmul mill-pizaturi.

Meta twaqqfet il-Medigrain fis-sena 1980, saret talba lilha ghas-servizz taghhom u gie accettat. Mhux hekk biss izda b'ittra datata 12 ta' Gunju, 1982 saret talba ghaz-zieda fil-hlas tat-tariffi - vide ittra esebita - fis-seduta tad-19 ta' April, 1996 Dok AC I.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet f'din it-tilwima illi l-pizaturi kienu jirrendu servizz meta rikjest lilhom. Ta' dan is-servizz huma kienu jithallsu. Ex admissis ma kienux impjegati tal-Medigrain Ltd - semplicement self-employed - totalment indipendenti mill-lat lavorattiv u dak fiskali. Bl-introduzzjoni ta' teknologija moderna u akkurata, dan is-servizz ma kienx aktar necessarju ghall-kumpanija. Anzi, d-debita verifika tal-kejl kien qed isir minnha stess minghajr l-involviment ta' terzi ossia l-pizaturi.

Inoltre, ma saret l-ebda riferenza ghal xi ligi u/jew regolament li jistipula l-

impozizzjoni ta' dan is-servizz fuq il-kumpanija, lanqas xi obbligu kontrattwali. Anzi, ghandhu jinghad li gie ottenut il-permess u awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet koncernati indikati aktar 'il fuq.

It-Tribunal jikkomprendi l-lament ta' dawn it-tlett pizaturi li ghexu hajjithom f'din il-professjoni, u jsibu ruhhom f'din is-sitwazzjoni f'eta' hekk avvanzata u matura ghall-ahhar. Pero' ma jistax jimponi obbligazzjoni li hija inezistenti.

**KONKLUZJONI**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din it-tilwima tax-xoghol billi jiddikjara illi l-Medigrain Limited ma kinitx tenuta tkompli tadopera s-servizz tal-pizaturi fuq indikati u dana fin-nuqqas ta' xi obbligi legali u/jew kontrattwali, inkluz dak industrijali.

B'hekk din it-tilwima giet definittivament terminata.

---------------------------
**Vincent Esposito**
**MEMBRU**

---------------------------
**Alfred Mallia Milanes**
**MEMBRU**

---------------------------
**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D**
**CHAIRMAN**